MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum it-2 ta' Marzu, 2020

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 245/2020/1 LM

**Lilia Nikolayevna Mukhortova (K.I. Nru 34767A)**

***vs.***

**Avukat Henry Antoncich bħala mandatarju speċjali ta' Alexander Maxovitch Bernstein (ġieli Bernchtein), bin Max u Goda xebba Kagan, imwieled u residenti r-Russja**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Lilia Nikolayevna Mukhortova** (K.I. 34767A) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fl-14 ta' Frar, 2020, li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimat milli jbiegħ, jittrasferixxi, jipoteka jew b'xi mod ieħor jaggrava l-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar.*

*Illi r-rikorrenti żżewġet lill-intimat fir-Russja fil-31 ta' Mejju 1985 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok. A, u baqgħu miżżewġin sakemm iddivorzjaw fil-21 ta' Novembru 2001, kif jirriżulta minn Dok. B.*

*Illi minn daż-żwieġ huma kellhom tifla waħda, Anna, li twieldet fit-13 ta' Settembru 1990 – vide Dok. Ċ.*

*Illi fl-14 ta' Diċembru 1995, il-konvenut kien ġie Malta u xtara l-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Perellos, San Pawl il-Baħar, kif jirriżulta mill-att pubbliku fl-atti tan-Nutar John Gambin hawn anness bħala Dok. D.*

*Illi ai termini tal-artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Familja tal-Liġi tal-Federazzjoni Russa, dak li jinxtara fiż-żwieġ bejn koppja miżżewġa huwa preżunt li jappartjeni lill-koppja fi kwoti ugwali bejniethom.*

*Illi fis-7 ta' Jannar 2000, il-partijiet, qua koppja miżżewġa, flimkien ma' binthom, kienu stabbilixxew ir-residenza tagħhom f'Malta, proprju fl-appartament fuq imsemmi. Qabel din id-data kienu jiġu hawn għall-vaganzi tas-sajf.*

*Illi minn meta l-partijiet iddivorzjaw fil-21 ta' Novembru 2001, il-konvenut kien litteralment sparixxa, u fil-fatt kien biss riċentement li huwa reġa' ltaqa' ma' bintu waqt proċeduri li hu għamel biex jevita li jħallas manteniment lil bintu.*

*Illi sia l-attriċi u sia binthom baqgħu dejjem residenti Malta mis-7 ta' Jannar 2000, l-attriċi baqgħet minn dakinhar sal-ġurnata tal-lum tgħix fl-istess appartament.*

*Illi meta l-konvenut kien xtara l-appartament in kwistjoni fis-sena 1995, huwa ma kienx żvela man-Nutar li huwa fil-fatt kien miżżewweġ, u kien irreġistra l-appartament fuq ismu biss.*

*Illi naturalment in vista tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, a bażi tal-liġi Russa – li hi identika għal dik nostrana nofs indiviż tal-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Perellos, San Pawl il-Baħar mixtri mill-konvenut fl-14 ta' Diċembru 1995, kif jirriżulta mill-att pubbliku fl-atti tan-Nutar John Gambin, kellu jappartjeni lill-attriċi, u nofs indiviż ta' dan l-appartament għandu jkun intestat f'isem l-attriċi, għax jekk ma jsirx hekk hemm periklu li l-konvenut ibiegħ l-istess mingħajr ma l-attriċi tkun biss taf.*

*Illi għalhekk biex jiġu kkawtelati d-drittijiet tal-esponenti qed tiġi intavolata din il-proċedura u kontestwalment magħha qed jiġi wkoll intavolat ir-rikors ġuramentat relattiv.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) Tordna l-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kontra l-intimat;*
*(2) Tordna n-notifika tad-digriet tagħha lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.*

*Illi l-esponenti ser tiġi ppreġudikata jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat illi l-intimat **Dr Henry Antoncich nomine** għall-intimat ġie debitament notifikat bir-Rikors fit-18 ta' Frar, 2020.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Frar, 2020 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Henry Antoncich nomine** fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' **Alexander Maxovitch Bernstein (ġieli Bernchtein)** (minn issa 'il quddiem "l-intimat"), ippreżentata fid-19 ta' Frar, 2020, li tgħid kif ġej:

*Illi t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-esponent nomine ma jbiegħx, ma jittrasferixxix, ma jipotekax jew b'xi mod ieħor jaggrava l-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha u dana għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi l-kontendenti, ċittadini Russi, iżżewġu r-Russja fil-31 ta' Mejju 1985. Huma stabbilew ir-residenza ordinarja tagħhom fid-dar 30/2/146 General Glagolev Street, Moscow. Kellhom tifla komuni Anna li twilditilhom fit-13 ta' Settembru 1990 f'Moscow.*

2. *Illi fl-14 ta' Diċembru 1995 l-esponent nomine xtara fuq ismu l-appartament ta' San Pawl il-Baħar. Ir-rikorrenti kienet ben konxja li l-ex raġel tagħha Alexander Bernstein kien ser jixtri l-appartament ta' San Pawl il-Baħar. Kienet taf ukoll illi huma ma kellhomx flus biex jixtru dan l-appartament (LM20,000 u spejjeż relattivi), u li kienet Koda Bernstein, omm Alexander, li ddonat il-flus lil binha u bagħtithomlu mill-Amerika fejn kienet tgħix biex huwa jixtrih fuq ismu (Ara Dok. "HA1" hawn unit). Lilia Mukhortova kienet taf b'dan kollu, tant li lanqas akkumpanjat lil żewġha f'Malta meta huwa ġie biex jixtri l-imsemmi appartament, u lanqas tatu prokura biex jitniżżel isimha wkoll fuq il-kuntratt tal-akkwist.*

3. *Illi l-partijiet ġew għal btajjel qosra f'Malta. Ġara però li ż-żwieġ tagħhom inkiser irrimedjabbilment u r-rikorrenti applikat u ottjeniet il-ħall taż-żwieġ permezz ta' divorzju ppronunzjat fil-21 ta' Novembru 2001 mill-Qorti ta' Moskow. Fis-sena 2002 ir-rikorrenti applikat lill-Qorti ta' Moskow biex tieħu lil binthom Anna f'Malta, ħaġa li l-missier Alexander ikkontesta 'l għaliex kien ser jiġi priv milli jkollu aċċess għal bintu. Il-Qorti ta' Moskow laqgħet din it-talba u filwaqt li r-rikorrenti u Anna ġew joqogħdu f'Malta, Alexander Bernstein baqa' jgħix f'Moskow. Il-partijiet kienu in segwitu involuti f'almenu żewġ kawżi oħra f'Moskow: kawża mir-rikorrenti kontra Alexander Bernstein għall-ħlas ta' manteniment għat-tifla komuni (Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2003); u kawża oħra istitwita minn Alexander Bernstein kontra l-ex-mara tiegħu meta ttrasferiet waħedha l-appartament matrimonjali ta' General Glagolev Street, f'Moskow, ad insaputa ta' żewġha (Sentenza tas-6 ta' Settembru 2006). Mhux veru għalhekk li "minn meta l-partijiet iddivorzjaw fil-21 ta' Novembru 2001, il-konvenut kien litteralment sparixxa" kif allegat ir-rikorrenti fir-rikors promotorju tagħha.*

4. *Illi b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2006 fil-kawża fl-ismijiet "**Lilia Nikolayevna Mukhortova pen – vs – Doctor Vincent Galea et nomine**", (Ċitazzjoni Numru 52/05NC), il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, ikkonkludiet illi skont il-Liġi Maltija l-appartament ta' San Pawl il-Baħar kellu jiġi konsidrat bħala proprjetà esklussiva ta' Alexander Bernstein:*

   *"From the evidence produced, and particularly from the deed of purchase of the above deed, it results that defendant is a businessman, and though the flat was bought by the couple after ten years of marriage, the purchase was made solely in the name of defendant, who consequently under Malta Law is considered to be the sole owner of the premises" (Ara Dok. "HA2" hawn unit).*

*Irid jingħad ukoll illi r-rikorrenti ma kienitx appellat minn tali dikjarazzjoni, u li meta l-esponent nomine sar jaf bis-sentenza tas-27 ta’ Ġunju 2006 huwa pproċeda ġudizzjarjament (Rikors Ġuramentat Nru. 163/2013 RGM) u ottjena, permezz ta’ sentenza tad-9 ta’ Novembru 2016, ir-revoka ta’ din l-istess sentenza abbażi ta’ frodi u nuqqas ta’ notifika, u r-ritrattazzjoni mill-ġdid ta’ dik il-kawża (Preżentement tinsab quddiem il-Qorti tal-Appell, differita għas-sentenza fit-23 ta’ April 2020).*

5. *Illi ai termini tal-Kodiċi tal-Familja tal-Liġi tal-Federazzjoni Russa jrid jingħad illi l-komunjoni tal-akkwisti tispiċċa mal-ħall taż-żwieġ, f’dan il-każ mad-divorzju ppronunzjat mill-Qorti ta’ Moskow fil-21 ta’ Novembru 2001, minn meta imbagħad jiskatta terminu preskrittiv ta’ tlett snin għall-qasma u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn il-partijiet (Ara parir legali tal-Law Firm ‘Nikolaev & Partners’ – Dok. HA3” hawn unit – ġia ppreżentat mir-rikorrenti fil-proċeduri ta’ ritrattazzjoni fuq imsemmija) f’liema terminu r-rikorrenti qatt ma applikat. Din hija konferma oħra li r-rikorrenti taf ben tajjeb li l-appartament ta’ San Pawl il-Baħar jappartjeni esklussivament lill-esponent nomine.*

   *Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni mitlub għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta’ Frar, 2020, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta’ inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li permezz tiegħu qiegħda tittenta żżomm lill-intimat milli jbiegħ, jittrasferixxi, jipoteka jew b'xi mod jaggrava l-proprjetà konsistenti fl-appartament internament immarkat numru erbgħa (4), Veronica Flats, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar. Ir-rikorrenti tgħid li hi u l-intimat Alexander Bernstein, it-tnejn ta' nazzjonalità Russa, kienu żżewġu r-Russja f'Mejju tal-1985, u minn dan iż-żwieġ fl-1990 twieldet l-unika tifla tal-partijiet, Anna. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Gambin tal-14 ta' Diċembru, 1995, il-konvenut kien akkwista l-appartament mertu ta' dawn il-proċeduri waħdu, mingħajr ma informa lin-Nutar li hu kien miżżewweġ, u mingħajr ma dehret martu miegħu fuq il-kuntratt. Ir-rikorrenti kienet taf bl-akkwist ta' din il-proprjetà, tant hu hekk li fis-sena 2000 il-partijiet stabbilew ir-residenza tagħhom f'Malta, u r-rikorrenti saħansitra tgħid li għal dan iż-żmien kollu hija baqgħet tgħix f'dan l-appartament flimkien ma' bint il-partijiet. Madanakollu iż-żwieġ bejn il-kontendenti sfaxxa fl-2001, meta l-partijiet iddivorzjaw wara proċeduri fir-Russja, għalkemm ir-rikorrenti tgħid li hija baqgħet dejjem tirrisjedi f'Malta. Hija tgħid ukoll li wara li l-partijiet iddivorzjaw, hija ma kienitx taf il-konvenut x'sar minnu u għal snin twal dan għeb minn ħajjitha u minn ħajjet bintha. Ir-rikorrenti qalet ukoll li kien biss meta nbdew proċeduri fil-konfront tal-intimat għall-ħlas ta' manteniment lil bintu li l-intimat reġa' deher f'ħajjet ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri minħabba li bis-sitwazzjoni kif inhi fil-preżent, bl-appartament mertu ta' dawn il-proċeduri rreġistrat f'isem l-intimat waħdu, l-intimat jista' jbiegħ dan l-appartament, li jikkostitwixxi l-unika

residenza tar-rikorrenti, ad insaputa tagħha, u bi preġudizzju għaliha u għal bintha.

L-intimat wieġeb li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda. Huwa spjega li dan l-appartament ġie akkwistat minnu wara li huwa ssellef xi flus mingħand ommu, li dak iż-żmien kienet tgħix fl-Istati Uniti, u qal li r-rikorrenti kienet taf bl-akkwist ta' dan l-appartament, iżda hi la dehret fuq il-kuntratt u lanqas tat prokura lill-intimat sabiex l-akkwist isir f'isimha wkoll. L-intimat qal ukoll li skont il-liġi Russa, il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin tispiċċa mal-ħall taż-żwieġ, f'dan il-każ il-partijiet iddivorzjaw, u wara l-ħall taż-żwieġ jiskatta perijodu preskrittiv ta' tliet snin għall-qasma u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet. L-intimat spjega wkoll li bejn il-partijiet kien hemm diversi proċeduri legali, fosthom għax ir-rikorrenti kienet biegħet l-appartament li l-partijiet kellhom f'Moska ad insaputa tiegħu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Ir-rikorrenti ppreżentat kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet li sar fil-31 ta' Mejju, 1985[1], kopja taċ-ċertifikat tal-ħall taż-żwieġ/divorzju, maħruġ mir-Reġistru ta' Moska, li jgħid li ż-żwieġ bejn il-partijiet ġie tterminat fil-21 ta' Novembru, 2001[2], kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Anna Alexandrovna Mukhortova, li tiġi bint il-partijiet, u li twieldet fit-13 ta' Settembru, 1990[3], kif ukoll kopja tal-kuntratt tal-14 ta' Diċembru, 1995 fl-atti tan-Nutar John

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 12 tal-proċess.

Gambin, li permezz tiegħu Alexandre Bernchtein akkwista l-appartament internament immarkat numru erbgħa (4), fil-blokka appartamenti bl-isem 'Veronica Flats', Triq Perellos, San Pawl il-Baħar, flimkien ma' kopja tal-AIP permit numru 405/94 li jindika li Alexandre Bernchtein ingħata permess sabiex jakkwista din il-proprjetà immobbli f'ismu proprju.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom ippreżentaw *affidavit* ta' Michael Bernshteyn, ċittadin Amerikan, u li jiġi ħu l-intimat[4], fejn dan xehed li huwa jaf li fl-1995 ommu Goda Bernshteyn kienet tat b'donazzjoni somma flus lil binha Alexandre sabiex dan seta' jakkwista proprjetà immobbli f'Malta. L-intimat ppreżenta ukoll kopja ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-27 ta' Ġunju, 2006, fl-ismijiet **Liliana Nikolayevna Mukhortova noe et *vs.* Dr. Vincent Galea noe**[5], kif ukoll kopja ta' parir legali mogħti mill-uffiċċju tal-avukati Nikolaev & Partners ibbażati f'Moska dwar il-provvedimenti relattivi tal-liġi Russa.[6]

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

---

[4] *A fol.* 25 tal-proċess.

[5] *A fol. 26* tal-proċess. F'din id-deċiżoni ngħad: "*The Court having taken into consideration the fact that the defendant is a businessman, and whose only property in Malta is the flat aforementioned, as well as the fact that he has ceased contributing for the expenses of his daughter since 1999; as well as the amount of these expenses which at present are being incurred by plaintiff, considers it just, in accordance with the provisions of Article 54 of the Civil Code, and sub-section (6) in particular that, payment of maintenance due to plaintiff in respect of the minor child be paid by defendant in kind through the assignment in ownership of one-third (1/3) undivided share of the above premises.*"

[6] *A fol.* 30 tal-proċess.

## Konsiderazzjonijiet legali

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[7]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

---

[7] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré**, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**[8]:

> "... huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoé dannu irrimedjabbli li jinneċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe***[9] tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[10]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun

---

[8] P.A., 13.05.2014.

[9] Rikors Numru 3135/94.

[10] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[11] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan huwa konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi

[11] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop huwa li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[12]

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li

[12] P.A., 25.01.2005.

tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[13]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[14]

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri li permezz tagħhom qiegħda tipprova żżomm lill-intimat milli jbiegħ jew milli b'xi mod jittrasferixxi l-proprjetà immobbli li tikkonsisti f'appartament internament immarkat bin-numru erbgħa (4), Veronica Flats, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar. Ir-rikorrenti tispjega li hi u l-konvenut kienu żżewġu fl-1985 fir-Russja, u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla waħda, Anna, fl-1990. Fl-1995, l-intimat akkwista l-imsemmi appartament f'Malta, wara li skont kif qal hu, kien ingħata xi flus mingħand ommu sabiex ikun jista' jagħmel dan. Il-konvenut deher waħdu fuq l-imsemmi kuntratt ta' akkwist, u konsegwentement il-konvenut irreġistra dan l-appartament f'ismu. Ir-rikorrenti tgħid li dan kien possibbli għaliex l-intimat

[13] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[14] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A. kif hawn presjeduta, 27.12.16.

naqas li jinforma lin-Nutar li ppubblika l-att tal-akkwist li hu kien miżżewweġ, u fil-fatt isem ir-rikorrenti mhux imniżżel fuq dan il-kuntratt.

Fis-sena 2000 beda l-inkwiet bejn il-koppja, u r-rikorrenti ġiet tgħix f'Malta fl-appartament li kien ġie akkwistat minn żewġha, flimkien ma' bint il-partijiet. Minkejja li l-partijiet iddivorzjaw fis-sena 2001, ir-rikorrenti baqgħet tgħix fl-imsemmi appartament fejn għadha tgħix sal-lum. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li wara li l-partijiet iddivorzjaw, il-konvenut għeb minn ħajjitha u għal bosta snin hija ma kinitx taf x'sar minnu. Ir-rikorrent spjegat li hija fetħet il-proċeduri odjerni minħabba fil-biżgħa li l-konvenut jiġi Malta u jbiegħ dan l-appartament ad insaputa tagħha, xi ħaġa li jista' jagħmel minħabba li l-jeddijiet li r-rikorrenti jista' jkollha fuq dan l-appartament, mhuma ser jirriżultaw minn l-ebda riċerka li tista' ssir qabel jiġi konkluż tali bejgħ. Ir-rikorrenti tgħid li ladarba l-appartament inkwistjoni ġie akkwistat waqt iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, l-imsemmija proprjetà tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti li kienet viġenti bejn il-partijiet u hija għandha sehem minn dak l-appartament. Fil-fatt mill-provi ppreżentati mill-partijiet, jirriżulta li l-liġi Russa hija simili ħafna għal dik Maltija, u tistipula li dak kollu akkwistat fiż-żwieġ ikun jappartjeni lill-miżżewġin b'mod ugwali bejniethom. Ir-rikorrenti qalet ukoll li minkejja li kien hemm diversi kawżi bejn il-partijiet, fosthom kawża li r-rikorrenti fetħet kontra l-intimat għall-ħlas tal-manteniment dovut lilha, sa issa l-ebda Qorti għadha ma ppronunzjat ruħha dwar jekk l-appartament mertu ta' dawn il-proċeduri jappartjenix lill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet jew le. Ir-rikorrenti qiegħda tinsisti li f'każ li dan il-mandat ma jintlaqax, hija ser tisfa

ppreġudikata, anki minħabba li dan l-appartament ilu jintuża minnha għal skopijiet ta' residenza sa mis-sena 2000. Ir-rikorrenti qalet ukoll li l-intimat qiegħed jirreżisti kemm li jħallas il-manteniment dovut minnu fir-rigward ta' bintu, kif ukoll li jċedi xi parti mill-jeddijiet li huwa għandu fuq dan l-appartament. Ir-rikorrenti spjegat li f'każ li dan il-mandat ma jintlaqax, hemm riskju serju li l-intimat ibiegħ dan l-appartament mingħajr ma hija tiġi infurmata b'dan, xi ħaġa din li f'każ li sseħħ tikkawżalha preġudizzju irrimedjabbli.

L-intimat jgħid li huwa kien akkwista l-imsemmi appartament bi flus li tatu ommu. Jgħid ukoll li l-partijiet ilhom għaddejjin b'diversi kawżi bejniethom għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Waħda mill-kawżi nfetħet proprju minħabba li r-rikorrenti kienet biegħet l-appartament li l-kontendenti kellhom f'Moska mingħajr ma infurmat lill-intimat b'dan, u sussegwentement il-Qorti kienet iddeċidiet li dan il-bejgħ kien vizzjat. Kawżi oħra pendenti bejn il-partijiet huma fir-rigward tal-ħlas ta' manteniment li r-rikorrenti qiegħda tippretendi mingħand l-intimat għal binthom. Evidentement ir-relazzjoni bejn il-partijiet illum il-ġurnata mhi xejn feliċi, bir-rikorrenti tiftaħ il-proċeduri odjerni għax qiegħda tibża' li l-intimat ibiegħ l-unika proprjetà immobiljari li l-partijiet għandhom f'Malta u li jirriżulta li kienet akkwistata matul fiż-żmien meta il-kontendenti kienu għadhom miżżewġin. Ir-rikorrenti tgħid li hija għandha sehem mill-appartament mertu ta' dawn il-proċeduri għaliex dan kien ġie akkwistat fiż-żwieġ u huwa għalhekk li hija qiegħda tipprova żżomm lill-intimat milli jbiegħ l-imsemmi appartament, sabiex tassigura li hija ma tisfax żvestita minn kwalunkwe jeddijiet li hija tippretendi li għandha. Il-biżgħa tar-rikorrenti

jirriżulta li hija waħda fondata, partikolarment meta wieħed iqis li minn ebda riċerka li tista' ssir hawn Malta mhuma ser jirriżultaw xi jeddijiet li r-rikorrenti jista' għandha fuq din il-proprjetà u għalhekk din il-proprjetà faċilment tista' tinbiegħ lil terzi mingħajr ma r-rikorrenti lanqas biss tkun mgħarrfa b'dan. Il-Qorti tqis li f'każ li jiġri dan, il-preġudizzju li ser issofri r-rikorrenti jkun wieħed irrimedjabbli, kemm minħabba li jkun ferm aktar diffiċli għaliha li tirriprendi kwalsiasi jedd li hija jista' għandha fuq din il-proprjetà, partikolarment f'każ li din il-proprjetà tiġi trasferita lil terzi, kif ukoll minħabba li r-rikorrenti tista' tisfa spussessata mill-unika residenza ordinarja tagħha. Fi proċedura ta' din ix-xorta, il-Qorti la tista' u lanqas mhija mistennija li twettaq xi eżami approfondit u akkurat fil-mertu, imma huwa biżżejjed li l-jedd pretiż li r-rikorrenti trid li jiġi kkawtelat permezz tal-Mandat, jirriżulta *prima facie*. Ħu l-intimat li xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit,* u li qal li ommhom kienet tat il-flus b'donazzjoni lill-intimat sabiex ikun jista' jixtri l-appartament inkwistjoni, ma setax jiġi kontroeżaminat, peress li la hu u lanqas l-intimat ma kienu preżenti waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri. Barra minn hekk l-aqwa prova f'dan il-każ kellha tkun ix-xhieda ta' omm l-intimat, imma ma ġiex spjegat għalfejn din ma tatx ix-xhieda tagħha. Imma sewwa sew dawn huma kollha kwistjonijiet li jidħlu fil-qofol tal-mertu u li ċertament imorru lil hinn minn sempliċi eżami ta' mal-ewwel daqqa t'għajn kif għandu jsir fi proċedura ta' din ix-xorta.

## <u>Decide</u>

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżżomm lill-**

**intimat milli jbiegħ, jittrasferixxi, jipoteka jew b'xi mod ieħor jaggrava l-appartament bin-numru erbgħa (4), 'Veronica Flats', Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar, filwaqt li tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-intimat.**

Mogħti kameralment fit-2 ta' Marzu, 2020.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**